Fit-Tribunal Industrijali

Fil-kwistjoni tax-xoghol numru 2281/JB bejn Mario Fenech u d-Dragonara Casino Limited dwar allegazzjoni ta' mal trattament dwar terminazzjoni ta' impjieg full time fuq kuntratt definit mibdul ghal wiehed part time.

Decizjoni Numru

Illum, ta' Ottubru, 2006.

Chairman: Dr Joseph P. Bonnici

**Introduzzjoni**

Illi b'dikjarazzjoni prezentata fit-Tribunal Industrijali datata 12 ta' Mejju 2005 ir-rikorrent Mario Fenech talab illi tinghata decizjoni fuq it-terminazzjoni tal-impjieg tieghu min mas-socjeta intimata u dana ghalkemm kien impjegat ma din il-kumpanija fuq bazi full time u sussegwentement bhala part time. Hu hadem dejjem ghal perjodu definit ta' xoghol. U dana b'sens ta' diskriminazzjoni peress li gew impjegati nies ohra u lilhu ma gietx moghtija possibilita li jergha jigi mpjegat full time. Da parti taghha s-socjeta ntimata tallega illi una volta li l-kuntratt li kellu r-rikorrent ma l-istess socjeta kien definit allura, ma kellu l-ebda dritt illi jigi mpjegat

ex lege. Aktar u aktar meta kien ghadhom ma ghaddewx erbgha (4) snin b'effett kontinwu ma' l-istess socjeta intimata.

**Konsiderazzjonijiet**

Illi l-fatti gew spjegati minn Michael David Gray, General Manager tad-Dragonara Casino moghtija fis-seduta ta' l-10 ta' Marzu 2006. Dawn ma gewx kontestati fis-sens illi, huwa ta' okkorrenza tal-fatti x'kien gara fuq il-post tax-xoghol u l-mizuri li kellhom jittiehdu ghar ristrutturar u riorganizzazjoni tal-work force ta' l-istess kumpanija. Una volta li l-kuntratt tax-xoghol li kellhu r-rikorrent fuq kuntratt definit, hekk kif jispicca sta ghal principal tieghu li jaghtih kuntratt gdid. Fil-kaz tieghu beda fuq bazi full time umbaghad inghata xoghol a bazi part time. Wara certu perjodu ma giex offert lilhu lanqas dan il-part time. Kuntratt ta' xoghol ghal perjodu definit ma jinvolvi l-ebda dritt favur l-impjegat illi meta jispicca t-terminu tieghu l-principal irid jerga jimpjegah mill-gdid. Ghalhekk huwa spjegat bhala definit u cioe cirkoskritt bil-perjodu tax-xoghol. Una volta illi, jaghmel l-ghazla tieghu skond il-ligi li ma jergghax igedded l-kuntratt tax-xoghol ma jfissirx illi l-impjegat ikun gie diskriminat u mhux biss ghax ma nghatax ix-xoghol lilhu izda tigi mpjegata terza persuna.

Mill-kuntratt definit tax-xoghol ma hemm l-ebda dritt naxxenti favur l-impjegat anka mill-ligi stess illi ghandhu xi dritt li jerggha jigi mpjegat. L-avviz legali 420 tas-sena 2002 Artiklu 5 jipprovdi unikament illi min ikun fuq kuntratt definit ta' xoghol waqt ix-xoghol u

jkun hemm post disponibbli ghal natura ta' xoghol permanenti fuq l-istess post tax-xoghol, l-istess impjegat ghandhu jinghata opportunita xierqa sabiex jahdem f'dan ix-xoghol. Din ic-cirkostanza ma tezistix fil-kaz odjern u ghalhekk it-talba tar-rikorrent ma tistghax tigi milqugha.

**Konkluzjoni**

Illi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jiddikjara illi r-rikorrent ma giet kagunata l-ebda diskriminazzjoni fil-konfront tieghu u ghalhekk it-talbiet tieghu ma jistghawx jintlaqaw.

Ai fini ta' tassazzjonijiet u drittijiet tal-konsulenti legali u/jew industrijali dawn jammontaw ghas-somma ta' hmistax il-lira (Lm15).

**Avv Joseph P. Bonnici**
Chairman